



Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Turkija

L-UE tikkundanna bil-qawwa t-tentattiv ta' kolp ta' stat li sar fit-Turkija u ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet leġittimi tal-pajjiż. Hija tiddeplora n-numru għoli ta' mwiet u tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-poplu Tork. L-UE tilqa' l-pożizzjoni komuni tal-partiti politiċi li jappoġġaw id-demokrazija tat-Turkija.

L-UE tappella biex jintwera trażżin mill-awtoritajiet Torok, inkluż mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà. Għandu jsir dak kollu possibbli biex tiġi evitata aktar vjolenza, biex jiġiharsu l-ħajjiet u jerġa' jkun hemm il-kalma.

L-UE tappella għar-rispett sħiħ tal-ordni kostituzzjonali tat-Turkija u tisħaq fuq l-importanza li jipprevali l-istat tad-dritt. Huwa kruċjali li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għall-istituzzjonijiet demokratiċi kollha tal-pajjiż inklużi l-gvern elett u l-Gran Assemblea Nazzjonali tat-Turkija. L-UE tissottolinja l-ħtieġa tar-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u d-dritt ta' kull persuna għal smiġħ xieraq f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkluż il-Protokoll 13 dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar li ċ-ċaħda inekwivoka tal-piena tal-mewt hija element essenzjali tal-acquis tal-Unjoni.

It-Turkija hija pajjiż kandidat u sieħba ewlenija għall-Unjoni Ewropea. L-UE tibqa' impenjata li taħdem flimkien ma' Turkija demokratika, inklużiva u stabbli biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni tagħna.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press